

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali “NORWEGIAN GETAWAY” għal servizzi fil-klassi 39 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta’ trade mark Komunitarja Nru 10281939

Deċiżjoni tal-eżaminatur: reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Novembru 2012 — NCL vs UASI (NORWEGIAN BREAKAWAY)

(Kawża T-514/12)

(2013/C 26/130)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: NCL Corporation Ltd (Miami, l-Istati Uniti) (rappreżentant: N. Grüger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) fil-Każ R 1017/2012-4 tat-12 ta’ Settembru 2012 u tibgħat il-każ lura quddiem il-Bord tal-Appell;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni fir-rigward tas-servizzi fil-klassi 39: “*Arranging of cruises, Cruise ship services, Cruise arrangement*” (servizzi ta’ organizzazzjoni ta’ kruċieri, servizzi ta’ vapuri ta’ kruċieri, organizzazzjoni ta’ kruċieri) u tibgħat il-każ lura quddiem il-Bord tal-Appell;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali “NORWEGIAN BREAKAWAY” għal servizzi fil-klassi 39 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta’ trade mark Komunitarja Nru 10281905

Deċiżjoni tal-eżaminatur: reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Novembru 2012 — El Corte Inglés vs UASI — English Cut (The English Cut)

(Kawża T-515/12)

(2013/C 26/131)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Seijo Veiguela, J. Rivas Zurdo u I. Munilla Muñoz, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: The English Cut, SL (Málaga, Spanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-6 ta’ Settembru 2012, fil-Każ R 1673/2011-1, u tiddikjara li skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, l-appell tal-opponenti quddiem l-UASI kellu jiġi milqugħ u li d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ta’ għoti sħiħ tat-trade mark Komunitarja Nru 8868474 “The English Cut” (verbali) kellha tiġi annullata.

— tikkundanna lill-parti jew lill-partijiet li jikkontesaw din id-deċiżjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: The English Cut, SL

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali “The English Cut” għal prodotti fil-klassi 25 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8868747

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade marks nazzjonali u Komunitarji verbali u figurattivi “El Corte Inglés” għal prodotti fil-klassijiet 25 u 35